

31970L0156

23.2.1970

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 42/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tas-6 ta' Frar 1970****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom**

(70/156/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi l-kondizzjonijiet tekniċi armonizzati applikabbli għall-partijiet u l-karatteristiċi individwali ta' vettura għandhom jiġu speċifikati f'Direttivi separati;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

Billi fuq livell Komunitarju, huwa neċċessarju li tkun introdotta proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-Komunità għal kull tip ta' vettura, sabiex tkun tista' tiġi vverifikata l-konformità mal-kondizzjonijiet ta' hawn fuq, u sabiex kull Stat Membru jkun jista' jirrikonoxxi l-kontrolli li jkunu saru mill-Istati Membri l-oħrajn;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾;Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi f'kull Stat Membru l-vetturi bil-mutur, intiżi għal ġarr ta' merkanzija u ta' passiġġieri, għandhom ikunu konformi ma' ċerti kondizzjonijiet tekniċi mandatorji; billi kondizzjonijiet bħal dawn huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor u konsegwentement ifixxlu l-kummerċ fil-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi, dik il-proċedura għandha tippermetti lil kull Stat Membru li jaċċerta jekk tip ta' vettura ikuns għadda mill-kontrolli stabiliti b'Direttiva separata u elenkati f'ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip; billi, dik il-proċedura għandha tippermetti lill-fabbrikant li jwettaq b'ċertifikat tal-konformità l-vetturi kollha li jkunu konformi ma' tip approvat; billi, vettura li jkollha ċertifikat bħal dan, għandha tkun meqjusa mill-Istati Membri kollha bħala konformi mal-liġijiet tagħhom; billi kull Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn bis-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja ta' ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip komplut għal kull tip ta' vettura li tkun ġiet approvata;

Billi tfixkil bħal dan għall-istabilizzar u t-tħaddim xieraq tas-suq komuni jista' jitnaqqas u anke jiġi eliminat jekk l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess kondizzjonijiet, jew bħala żieda jew minflok il-liġijiet eżistenti tagħhom;

Billi hija l-prattika stabbilita ta' l-Istati Membri li jivverifikaw li l-vetturi jkunu konformi mal-kondizzjonijiet tekniċi relevanti qabel dawn jitpoġġew fis-suq; billi dan l-ivverifikar isir fuq it-tipi ta' vetturi;

Billi, bħala miżura transitorja, għandu jkun possibbli li tinħareġ l-approvazzjoni tat-tip skond il-kondizzjonijiet tal-Komunità kif u meta Direttivi separati relatati mal-partijiet u l-karatteristiċi varji ta' vettura jidħlu fis-seħħ, waqt li l-kondizzjonijiet nazjonali jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-partijiet u l-karatteristiċi li ma jkunux għadhom ġew koperti b'Direttivi bħal dawn;

⁽¹⁾ ĠU Ċ 160, 18.12.1969, p.7.⁽²⁾ ĠU Ċ 48, 16.4.1969, p.14

Billi, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 169 u 170 tat-Trattat, huwa rrakommandat, fi ħdan l-istruttura ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jkunu stabbiliti d-dispożizzjonijiet biex jgħinu ħalli jirrisolvu l-argumenti ta' natura teknika li jirrigwardaw il-konformità ta' mudelli ta' produzzjoni mat-tip approvat;

Billi vettura tista' tkun konformi ma' tip approvat, imma b'danakollu jkollha ċerta karatteristiċi li huma ta' periklu potenzjali għas-sigurtà fit-triq; billi huwa għaldaqstant rakkommandat li tiġi preskritta proċedura xierqa biex tipprekludi perikoli bħal dawn;

Billi l-progress tekniku jirrikjedi aġġustament pront tal-kondizzjonijiet tekniċi speċifikati f' Direttivi separati; billi, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan il-għan, għandha tkun stabbilita proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mqarrba bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat dwar l-Aġġustament tad-Direttivi għall-Progress Tekniku dwar it-Tneħħija ta' Ostakoli għall-Kummerċ fis-Settur tal-Vetturi bil-Mutur;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

Definizzjonijiet

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura' tfisser kull vettura bil-mutur intiża għall-użu fit-triq, bil, jew mingħajr il-bini tal-karozzerija, li għandha ta' l-anqas erba' roti u b'disinn ta' veloċità massima li teċċedi l-25km fis-sieġha, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq binarji u ta' tractors u makkinarju agrikolu.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'approvazzjoni tat-tip nazzjonali' tfisser il-proċedura amministrattiva magħrufa bħala:

- "agr ation par type" u "aanneming" fil-liġi Belġjana;
- "allgemeine Betriebserlaubnis" fil-liġi Ġermaniża;
- "r ception par type" fil-liġi Franċiża;
- "omologazione" jew "approvazione del tipo" fil-liġi Taljana;
- "agr ation" fil-liġi tal-Lussemburgu;
- "typegoedkeuring" fil-liġi ta' l-Olanda;

(b) 'approvazzjoni tat-tip tal-KEE' tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' vettura jkun jissodisfa l-

kondizzjonijiet tekniċi tad-Direttivi separati u l-kontrolli elenkati fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, li l-mudell tiegħu huwa mogħti fl-Anness II.

KAPITOLU II

Approvazzjoni tat-tip tal-kee ta' vettura

Artikolu 3

Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għandha tkun ippreżentata mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu lil Stat Membru. L-applikazzjoni għandha jkollha magħha dokument ta' informazzjoni, li l-mudell tiegħu huwa mogħti fl-Anness I, u d-dokumenti li hemm referenza dwarhom hemm-hekk. L-ebda applikazzjoni li tirtigwarda kwalunkwe tip wieħed ta' vettura ma tista' tingħata lil aktar minn Stat Membru wieħed.

Artikolu 4

1. Stat Membru għandu japprova t-tipi kollha ta' vetturi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-tip ta' vettura għandha tkun konformi mad-dettalji tad-dokument ta' informazzjoni;
- (b) it-tip ta' vettura għandha tissodisfa l-kontrolli elenkati fil-mudell, li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2(b), taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.

2. L-Istati Membri li jikkonċedu l-approvazzjoni tat-tip għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jivverifikaw, sa fejn dan ikun neċessarju u jekk ikun hemm bżonn b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra, li l-mudelli tal-produzzjoni jkunu konformi mal-prototip approvat. Verifika bħal din għandha tkun limitata għal 'spot checks'.

Kull Stat Membru għandu jimla s-sezzjonijiet kollha taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip għal kull tip ta' vettura li hu japprova.

Artikolu 5

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jibagħtu fi żmien xahar, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn, kopja tad-dokument ta' informazzjoni u taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni għal kull tip ta' vettura li huma japprovaw jew jirrifjutaw li japprovaw.

2. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni għandu jimla ċertifikat tal-konformità, li l-mudell tiegħu huwa mogħti fl-Anness III, għal kull vettura li tiġi ffabrikata b'konformità mal-prototip approvat.

3. B'danakollu, l-Istati Membri jistgħu, għall-iskopijiet ta' tassazzjoni ta' vettura jew ta' kompletar tad-dokumenti tar-reġistrazzjoni tagħha, isaqsu għal dettalji li mhux imsemmija fl-Anness III, biex dawn jiġu mogħtija fuq iċ-ċertifikat tal-konformità. B'danakollu, dawn id-dettalji huma ddiċjarati b'mod espliċitu fuq id-dokument ta' informazzjoni jew jistgħu jittieħdu minnu b'kalkolu ħafif.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri li jkunu ħarġu l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li jkunu nformati b'kull waqfien tal-produzzjoni u b'xi bidliet fid-dettalji li jidhru fid-dokument ta' informazzjoni.

2. Jekk l-Istat Membru kkonċernat, jikkonsidra li bidla bħal din m'għandhiex bżonn ta' emendi fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, jew kompletar ta' ċertifikat ġdid ta' l-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat għandhom jinfurmaw b'dan lill-manifattur u għandhom jibgħatu fi gruppi perjoċi, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn, kopji ta' l-emendi tad-dokumenti ta' l-informazzjoni li jkunu diġa ġew imqassma,

3. Jekk l-Istat ikkonċernat isib, li emenda li tkun saret lid-dokument ta' informazzjoni tiġġustifika li jsir kontroll mill-ġdid jew verifika ġodda, u li huwa għaldaqstant neċessarju li jiġi emendat iċ-ċertifikat eżistenti ta' l-approvazzjoni tat-tip jew li jsir ċertifikat ġdid ta' l-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom jinfurmaw b'dan lill-manifattur u għandhom, fi żmien xahar li jiġu kompletati dawn id-dokumenti ġodda, jibagħtuhom lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħrajn.

4. Meta ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip jiġi emendat jew mibdul, jew ma jkunx aktar validu għaliex it-tip li jkun jikkorrispondi għalih ikun tneħħa mill-produzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jkunu ħarġu dak iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, għandhom, fi żmien xahar, jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn in-numri tas-serje ta' l-aħħar vettura maħruġa li tkun konformi maċ-ċertifikat l-antik, u fejn japplika, in-numru tas-serje ta' l-ewwel vettura maħruġa li tkun konformi maċ-ċertifikat il-ġdid jew li jkun ġie emendat.

Artikolu 7

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jirreġistra jew jipprojbixxi l-bejgħ, il-id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi vettura għida fuq raġunijiet relatati mal-kostruzzjoni jew il-funzjonament tagħha, jekk din ikollha ċ-ċertifikat tal-konformità.

2. B'danakollu, dan iċ-ċertifikat m'għandux jipprojbixxi li Stat Membru milli jieħu miżuri tali fir-rigward ta' vetturi li ma jkunux konformi mal-prototip approvat.

Ikun hemm nuqqas ta' konformità mal-prototip approvat, jekk jinstab li jeżistu devjazzjonijiet mid-dettalji fid-dokument ta' informazzjoni u jekk dawn id-devjazzjonijiet ma jkunux ġew approvati permezz ta' l-Artikolu 6(2) jew (3) mill-Istat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip. Vettura m'għandhiex tiġi kkunsidrata li qed tiddevja mit-tip approvat peress li Direttivi separati jippermettu xi tolleranzi u jekk dawn it-tolleranzi jkunu rrispettati.

Artikolu 8

1. Jekk Stat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jiskopri li numru ta' vetturi li jkollhom l-istess ċertifikat ta' konformità ma jkunux konformi mat-tip li hu jkun approva, għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li l-mudelli tal-produzzjoni jkunu konformi mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lill-dawk tal-Istati Membri l-oħrajn bil-miżuri meħuda, li jistgħu, jekk ikun hemm bżonn, jestendu sa l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

L-awtoritajiet imsemmija għandhom jieħu miżuri simili jekk ikunu nformati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għandhom jinformaw wieħed lill-ieħor fi żmien xahar b'kull irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, u bir-raġunijiet ta' miżura bħal din.

3. Jekk Stat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jidħol f'argument dwar in-nuqqas tal-konformità li jkun ġie nnotifikat lilu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sforz biex jintlaħaq ftehim.

IL-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata u għandha, jekk ikun hemm bżonn, tagħmel konsultazzjonijiet xierqa bil-għan li jintlaħaq ftehim.

Artikolu 9

Jekk Stat Membru jiskopri li vetturi ta' tip partikolari huma ta' periklu għas-sigurtà fit-triq, għalkemm dawn ikollhom iċ-ċertifikat tal-konformità maħruġ kif suppost, allura, dak l-Istat jista' jirrifjuta li jirreġistra vetturi simili jew jipprojbixxi l-bejgħ tagħhom, id-dħul fis-servizz u l-użu tagħhom fit-territorju tiegħu għal perjodu massimu ta' sitt xhur. Għandu minnufih jinforma b'dan lill-Istat Membru l-oħrajn u lill-Kummissjoni, fejn jistqarr ir-raġunijiet li fuqhom hi bbażata d-deċiżjoni tiegħu.

KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet transizzjonali*Artikolu 10*

1. Ladarba din id-Direttiva titpoġġa fis-seħħ, u bħala d-Direttivi separati neċessarji għall-ħruġ ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE issir applikabbli:

- l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq il-kondizzjonijiet tekniċi armonizzati minflok fuq il-kondizzjonijiet nazzjonali korrispondenti, jekk dan jiġi mitlub mill-applikant;
- meta l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu japplika u meta dan jippreżenta d-dokument ta' informazzjoni li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 3, l-Istat Membru kkonċernat għandu jimla s-sezzjonijiet taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2(b). Għandha tinhereg kopja ta' dan iċ-ċertifikat għall-applikant. Stati Membri oħrajn li ssirihom applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għall-istess tip ta' vettura għandhom jaċċettaw din il-kopja bħala prova li jkunu sar l-kontrolli neċessarji.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu rrevokati ladarba l-kondizzjonijiet neċessarji kollha għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ikunu applikabbli.

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali*Artikolu 11*

Kull bidliet neċessarji sabiex jiġu adottati:

- l-Annessi I, II u III ta' din id-Direttiva, jew
- id-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Direttivi separati li hemm referenza dwarhom fl-Anness II u li huma speċifikati f'kull waħda minn dawn id-Direttivi,

sabiex jiġi kkonsidrat il-progress tekniku, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 13.

Artikolu 12

1. Il-Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi fuq it-Tneħħija ta' Ostakoli Tekniċi għal-Kummerċ fis-Settur ta' Vetturi bil-Mutur (minn hawn il-quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") huwa hawnhekk stabiliz; dan għandu jikkonsisti fir-rappreżentanti tal-Istati Membri bir-rappreżentant tal-Kummissjoni bħala l-President.

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli proċedurali tiegħu.

Artikolu 13

1. Biex tiġi mħarsa l-proċedura stabilita f'dan l-Artikolu, il-kwistjonijiet għandhom jiġu referuti lill-Kummissjoni mill-Presi-

dent, jew bl-inizzjattiva tiegħu stess, jew b'tabla ta' rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fi żmien limitat stipulat mill-President skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ta' tnaix il-vot, il-voti tal-Istati Membri jintiżnu skond kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-President ma jkollux vot.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri ntiżi jekk dawn ikunu konformi mal-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri ntiżi ma jkunux konformi mal-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħatax opinjoni, l-Kummissjoni għandha, mill-aktar fis, tissottometti lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jagħxi b'maġġoranza kwalifikata.

(ċ) Jekk, fi żmien tliet xhur li tiġi mogħtija l-proposta l-Kunsill ikun għadu ma ħax azzjoni, l-miżuri proposti mill-Kummissjoni għandhom jiġu adottati.

Artikolu 14

Id-deċiżjonijiet kollha meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li tirrifjuta jew tirtira l-approvazzjoni tat-tip, jew tirrifjuta r-reġistrazzjoni jew tiprobbixxi l-bejgħ jew l-użu, għandha tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata. Deċiżjoni bħal din, għandha tiġi nnotifikata lill-parti ikkonċernata, li għandha fl-istess ħin tkun infurmat bir-rimedji disponibbli għaliha taħt il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, u fuq il-limiti ta' żmien permissibbli għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-kondizzjonijiet meħtieġa biex dawn ikunu konformi ma' din id-Direttiva, fi żmien tmintax-il xahar tannotifika tagħha u għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-testi tal-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 16

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 1970.

Għall-Kunsill

Il-President

P. HARMEL

ANNEX I

MUDELL TAD-DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI (a)

0. ĠENERALI

- 0.1. Marka (l-isem tal-impriża)
- 0.2. It-tip u d-deskrizzjoni kummerċjali (semmi kull varjant)
- 0.3. Xorta
- 0.4. Kategorija tal-vettura (b)
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant
- 0.6. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant (jekk ikun hemm)
- 0.7. Il-pożizzjoni tal-pjanċi u l-iskrizzjonijiet statutorji u l-mod tat-twaħħil
 - 0.7.1 fuq ix-chassis
 - 0.7.2 fuq il-karozzerija
 - 0.7.3 fuq il-magna
- 0.8. In-numri tas-serje tax-chassis ta' dan it-tip li jibdew bin-Numru.....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

(Ehmeż tlett ritratti miġbuda mill-ġemb min-naħa ta' quddiem u tliet ritratti miġbuda mill-ġemb min-naħa ta' wara)

(Ehmeż disinn dimensjonali tal-vettura kollha)

- 1.1. Numru ta' fusien u ta' roti (jekk huwa applikabbli, in-numru ta' ċineg jew ktajjen)
 - 1.1.1. numru ta' fusien b'roti doppji (jekk applikabbli)
- 1.2. Roti mdawwra mill-magna (numru, pożizzjoni, konnessjoni ma' fusien oħrajn)
- 1.3. Ix-chassis (jekk hemm) (disinn ġenerali)
- 1.4. Materjal użat għall-pilastru tal-ġnub (ċ)
- 1.5. Il-pożizzjoni u l-arranġament tal-magna
- 1.6. Il-kabina tal-sewqan (il quddiem, parzjalment il-quddiem jew normali)

2. PIŻIJIET U DIMENSIJONIJIET (d) (fmm u kg)

- 2.1. Il-bażi tar-rota (i) (mgħobbija kollha) (e)
 - 2.1.1. Fil-każ ta' nofs karrijiet: id-distanza ta' bejn l-asi tal-'king pin' tal-ġames rota u l- fus ta' quddiemnett fuq in-naħa ta' wara
- 2.2. Fil-każ ta' unitajiet trattivi:
 - 2.2.1. il-ġibda tal-ħames rota (massimu u minimu) (f)
 - 2.2.2. L-ġholi massimu tal-ħames rota (standardizzata) (g)
 - 2.2.3. Id-distanza bejn in-naħa ta' wara tal-kabina u tal-fus ta' wara:
 - 2.2.3.1. Id-distanza bejn in-naħa ta' wara tal-kabina u l-fus ta' wara (fil-każ ta' chassis bil-kabina)
 - 2.2.3.2. Id-distanza bejn in-naħa ta' wara tar-rota ta' l-istearing u l-fus(ien) ta' wara (fil-każ ta' chassis mikxuf)
- 2.3. It-wisa' ta' kull fus (h)

2.4. Id-dimensjonijiet massimi tal-vettura (b'mod ġenerali) (i)

	Chassis mingħajr il-karozzerija	Chassis bil-karozzerija	
		Mingħajr tagħmir	Bit-tagħmir
2.4.1. Tul (j)			
2.4.2. Wisa' (k)			
2.4.3. Għoli (meta mhux mgħobbi) (l)			
2.4.4. sporġenza fuq quddiem (m)			
2.4.5. sporġenza fuq wara (n)			
2.4.6. l-ispazju tal-qiegħ tal-karrozza mill-art (mgħobbi bil-piż massimu teknikament permissibbli) (o)			
2.4.7. Distanza ta' bejn il-fusien			

2.5. Il-piż tax-chassis mikxuf (mingħajr il-kabina, il-likwidu li jkessaħ, iż-żjut, il-karburanti, ir-rota ta' l-emerġenza, l-għodda u s-sewwieq)

2.5.1 Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien.

2.6. Il-piż tal-vettura bil-karozzerija fi stat tajeb ta' tħaddim, jew il-piż tax-chassis bil-kabina jekk il-fabbrikant ma jimmuntax il-karozzerija (li jinkludi l-likwidu li jkessaħ, iż-żjut, il-karburanti, l-għodod, ir-rota ta' l-emerġenza u s-sewwieq) (p)

2.6.1. Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien (id-distribuzzjoni bejn il-fusien u t-tagħbija fuq il-'king pin' tal-ħames rota fil-każ ta' nofs karru).

2.7. Il-piż massimu teknikament permissibbli ddikjarat mill-fabbrikant

2.7.1. Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien (id-distribuzzjoni bejn il-fusien u t-tagħbija fuq il-'king pin' tal-ħames rota fil-każ ta' nofs karru)

2.8. Il-piż massimu teknikament permissibbli ddikjarat mill-fabbrikant (id-distribuzzjoni bejn il-fusien u t-tagħbija fuq il-'king pin' tal-ħames rota fil-każ ta' nofs karru)

2.9. Jekk il-vettura hija wżata bħala vettura għall-ġbid, il-piż massimu teknikament permissibbli mgħobbi taż-żewġ vetturi magħquda ddikjarat mill-fabbrikant (u jekk applikabbli, il-piż massimu teknikament permissibbli tal-karru)

2.10. Il-piż massimu vertikali fil-punt ta' l-igganċjar (ganċ jew sistema speċjali tal-igganċjar bi tliet punti)

2.11. 'Swept path'

2.12. Ir-relazzjoni tal-forza tal-magna/mal-piż massimu (f' hp/kg) u l-abbiltà li jistartja fuq għolja

3. MAGNA (q)

3.1. Fabbrika

3.2. Magna ta' kombustjoni

3.2.1 Isem

3.2.2. Tip ('positive-ignition', diesel, eċċ), ċiklu

3.2.3. In-numru u l-arrangement taċ-ċilindri

3.2.4. Il-bore, it-tefġha tal-pistun u l-volum taċ-ċilindri

3.2.5. Il-forza massima f'.....rpm (speċifika l-istandard użat)

3.2.6. It-'torque' massimu f'.....rpm, (l-istess standard ta' 3.2.5)

3.2.7. Karburanti normali

3.2.8. It-tankijiet tal-karburanti (volum u pożizzjoni)

3.2.9. It-tankijiet ta' riserva tal-karburanti (volum u pożizzjoni)

3.2.10. Is-sistema tal-provvista tal-karburanti (tip)_

3.2.11. Supercharger (jekk dan huwa mwaħħal) (it-tip, il-kontroll u l-pessjoni tas-Supercharger)

3.2.12. Regolatur (jekk dan huwa mwaħħal) (il-prinċipji ta' kif jaħdem)

3.2.13. Is-sistema elettrika (vultaġġ, earth pożittiv jew negattiv)

3.2.14. Ġeneratur (tip u l-potenza nominali)

3.2.15. 'Ignition' (tip ta' tagħmir, tip ta' 'advance setting')

3.2.16. Interferenza mrażżna (deskrizzjoni)

3.2.17. Sistema ta' tkessiħ (arja, ilma)

3.2.18. Livell tal-ħoss

3.2.19. Sistema tal-exhaust (disinn)

3.2.20. Miżuri meħuda kontra t-tniġġis ta' l-arja

3.3. Mutur elettriku

3.3.1 Tip (serje, stralċ)

3.3.2. Produzzjoni massima fis-siegħa u l-vultaġġ imħaddem

3.3.3. Il-batterija (numru ta' ċelluli, piż, volum f'amp-hours' u l-pożizzjoni)

3.4. Magni jew muturi apparti minn dawġ li huma elettriki jew ta' kombustjoni (dettalji dwar il-partijiet tal-magni jew tal-muturi ta' dan it-tip)

4. TRASMISSJONI (r) (Disinn tat-trasmissjoni u grafika)

4.1. Tip (mekkaniku, idrawliku, elettriku, eċċ.)

4.2. Clutch (tip)

4.2.1 Piż tal-clutch

4.3. Il-gearbox (tip, ingaġġ dirett, metodu ta' kontroll)

4.3.1 Piż tal-kaxxa tal-gearbox

4.4. Trasmissjoni mill-magna għall-gearbox, fus(ien) ta'wara, gerijiet ta' trasferiment jew gerijiet intermedji, jekk dawn ikunu mwaħħla.

4.5. Proporzjon tal-gear, bi jew mingħajr kaxxa/i ta' trasferiment

Gear	Relattività interna tal-gearbox	Relattività finali tas-sewqan	Total tar-relattività tal-gear
1			
2			
3			
....			
Rivers			

4.6. Il-veloċità li tilħaq vettura b'veloċità ta' magna ta' 1000rpm b'tyres normali (6.1) (iċ-ċirkonferenza tat-tyres meta dawn jitwaħħlu hi ta'.....metri) (s)

Gear	Veloċità f'km/siegħa
1	
2	
3	
....	
Rivers	

4.7. Veloċità massima fl-ogħla gear (f'km/fis-siegħa) (s)

4.8. Pressjoni (u t-trasmissjoni tas-saħħa tal-brejkijiet)

4.9. 'Speedometer'

4.10. Reġistru tal-veloċità (jekk dan hu mwaħħal) (il-marka u t-tip)

4.11. serratura divrenzjali (jekk din hi mwaħħla)

5. FUS

(Ehmeż disinn dimensjonali ta' kull fus, flimkien ma' prospett tal-materjali użati u (b'mod mhux obligatorju) tal-manifattura u t-tip)

6. SUSPENSION (disinn ġenerali ta' l-arranġamenti tas-suspension)
 - 6.1. It-tyres imwählha b'mod normali (dimensjonijiet u karatteristiċi)
 - 6.2. Tip u disinn tas-suspension ta' kull fus jew rota
 - 6.3. Il-karatteristiċi tal-partijiet bil-molol tas-suspension (disinn, il-karatteristiċi tal-materjali u d-dimensjonijiet)
 - 6.4. Stabilizzaturi (t)
 - 6.5. 'Shock absorbers' (t)
7. STEERING (disinn)
 - 7.1. It-tip ta' mekkaniżmu u t-tagħqid mar-roti, il-metodu ta' l-assistenza jekk ikun hemm wieħed (metodu u diagramma ta' kif jaħdem u t-tip, jekk ikun hemm) u l-isforz tal-isteering fuq ir-rota tal-isteering
 - 7.2. L-angolu massimu ta' dawrien tar-roti:
 - 7.2.1. lejn il-lemin..... (gradi): numru ta' dawrien tar-rota tal-isteering.....
 - 7.2.2. lejn ix-xellug..... (gradi): numru ta' dawrien tar-rota tal-isteering.....
 - 7.3. Ċirku minimu ta' dawrien (u):
 - 7.3.1. lejn il-lemin
 - 7.3.2. lejn ix-xellug
8. BREJKIJET (disinn ġenerali u disinn ta' kif jaħdmu) (v)
 - 8.1. Apparat tas-servizz tal-brejkijiet
 - 8.2. Apparat ta' waqfien sekondarju
 - 8.3. Apparat ta' waqfien għall-ipparkjar
 - 8.4. Apparat addizzjonali ta' waqfien, jekk imwählha (li jinkludi r-ritardatur)
 - 8.5. Apparat ta' waqfien awtomatiku li jaħdem fil-każ li jkun hemm ksur fl-igġanċjar (fil-każ ta' karru jew nofs karru)
 - 8.6. Kalkolu tas-sistema tal-brejkijiet determinazzjoni tar-relattività bejn il-forza totali tal-brejkijiet fiċ-ċirkonferenza tar-roti u l-forza applikata fil-kontroll tal-brejkijiet
 - 8.7. Sorsi esterni ta' enerġija, jekk ikun hemm (karatteristiċi, l-volum tad-depożiti ta' enerġija, pressjoni massima u minima, apparat li jkejjel il-pessjoni u apparat li juri nuqqas eċċessiv tal-pessjoni fuq id-dashboard, depożiti tal-vakwu u l-provvista tal-valvola, kompressuri tal-forniment, konformità mad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir tal-pessjoni)
 - 8.8. Vetturi ddisinnjati biex jiġbdu karru
 - 8.8.1. apparat ta' waqfien tal-karru
 - 8.8.2. konnessjonijiet tal-igġanċjar, strumenti ta' sigurtà
9. IL-KAROZZERJA (disinn ġenerali li jagħti d-dimensjonijiet interni u esterni)
 - 9.1. Tip ta' karożzerija
 - 9.2. Materjali użati u metodi tal-kostruzzjoni
 - 9.3. Bibien (numru, daqsijiet, direzzjoni tal-ftuħ, lukketi u ċappetti)
 - 9.4. Il-qasam tal-veduta
 - 9.5. 'Windscreen' u twieqi oħrajn (numru, pożizzjoni, materjali użati)
 - 9.5.1. Angolu ta' l-inklinazzjoni tal-ħġieġa tal-'windscreen'
 - 9.6. 'Windscreen'
 - 9.7. Il-ħasil tal-'windscreen'
 - 9.8. Biex jitneħħa s-silġ
 - 9.9. Il-mirja ta' viżjoni anterjuri
 - 9.10. Apparat intern
 - 9.10.1. Protezzjoni interna ta' l-okkupanti
 - 9.10.2. L-arranġament u l-identifikazzjoni tal-kontrolli
 - 9.10.3. Sedili (numru, pożizzjoni, karatteristiċi)

- 9.11. Appart estern
 - 9.12. Ċintorini tas-sigurezza u sistemi oħra ta' ritenzjoni (numru u pożizzjoni)
 - 9.13. L-ankoraġġ taċ-ċintorini tas-sigurezza (numru u pożizzjoni)
 - 9.14. L-ispazju fejn jitwaxxlu l-pjanċi tar-reġistrazzjoni
 - 9.15. Appart li jipproteġu n-naħa ta' wara
10. APPARAT LI JIXEGĦLU U LI JAGĦMLU SINJAL BID-DAWL
- (disinnijiet tal-vettura minn barra li jagħtu d-dimensjonijiet u l-pożizzjoni tas-superfiċi li jixgħelu ta' l-apparati kollha; il-kulur tad-dawl)
- 10.1. Apparti obbligatorji
 - 10.1.1. Dwal sekondarji
 - 10.1.2. Dwal tas-sewqan
 - 10.1.3. Dwal ta' quddiem
 - 10.1.4. Indikaturi tad-direzzjoni
 - 10.1.5. Dwal ta' wara
 - 10.1.6. Dwal li juru li l-vettura tkun ser tieqaf
 - 10.1.7. Dwal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara
 - 10.1.8. Rifletturi ħomor ta' wara
 - 10.1.9. Rifletturi ta' quddiem tal-karrijiet
 - 10.2. Apparat mhux obbligatorju:
 - 10.2.1. Dwal taċ-ċpar
 - 10.2.2. Dwal tal-ipparkjar
 - 10.2.3. Dwal tal-irriverjar
 - 10.2.4. Dwal ta' quddiem tal-karrijiet
 - 10.2.5. Rifletturi ambra tal-ġenb
 - 10.3. Apparat addizzjonali għal vetturi speċjali
11. KONNESSJONIJET BEJN VETTURI LI JIĠBDU U L-KARRIJET JEW NOFS KARRIJET
12. MIXXELLANJI
- 12.1. Apparati ta' twissija li jinstemgħu
 - 12.1.1. Normali
 - 12.1.2. Speċjali
 - 12.2. Dispożizzjonijiet speċjali għall-vetturi tat-transport pubbliku
 - 12.3. Dispożizzjonijiet speċjali għat-taxis
 - 12.4. Dispożizzjonijiet speċjali għall-vetturi li jgħorru l-merkanzija
 - 12.5. Apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat ta' vetturi
 - 12.6. Ganċ ta' l-irmonkjar
 - 12.7. Is-sieq tal-karru
 - 12.8. Apparat li jwissi kontra xi periklu

NOTI

Għal kull dħul li għalih għandha tkun mhemuża dijagramma jew ritratt, aġti n-numri tad-dokumenti korrispondenti mhemuża.

- (a) Jekk parti jkollha l-approvazzjoni tat-tip, dik il-parti m'għandhiex bżonn tiġi deskritta jekk ikun hemm referenza għal din l-approvazzjoni. B'mod simili, parti ma jkunx hemm bżonn li tiġi deskritta jekk il-konstruzzjoni tagħha tidher b'mod ċar fid-diagrammi jew id-disinji mhemuża.
- (b) Ikklassifikati skond il-kategoriji internazzjonali li ġejjin:
 - 1. *Kategorija M*: Vetturi bil-mutur li għandhom ta' l-anqas erba' roti, jew li għandhom tliet roti meta l-piż massimu jeċċedi it-tunnellata metrika u wżati għat-trasport ta' passiġġieri.

- *Kategorija M₁*: Vetturi wżati għat-trasport ta' passiġġieri u li ma fihomx aktar minn tmien sedili appartati mis-sedil tas-sewwieq.
 - *Kategorija M₂*: Vetturi wżati għat-trasport ta' passiġġieri, li fihom aktar minn tmien sedili appartati mis-sedil tas-sewwieq, u li għandhom piż massimu li ma jeċċedix il-hameż tunnellati metriċi.
 - *Kategorija M₃*: Vetturi wżati għat-trasport ta' passiġġieri, li fihom aktar minn tmien sedili appartati mis-sedil tas-sewwieq, u li għandhom piż massimu li jeċċedi l-hameż tunnellati metriċi.
2. *Kategorija N*: Vetturi bil-mutur li għandhom ta' l-anqas erba' roti, jew li għandhom tliet roti meta il-piż massimu jeċċedi t-tunnellata metrika u wżati għat-trasport ta' passiġġieri.
- *Kategorija N₁*: Vetturi wżati għat-trasport tal-merkanzija u li għandhom piż massimu li ma jeċċedix it-3.75 tunnellati metriċi.
 - *Kategorija N₂*: Vetturi wżati għat-trasport tal-merkanzija u li għandhom piż massimu li jeċċedi t-3.75 tunnellati metriċi imma li ma jeċċedix it-12-il tunnellata metrika.
 - *Kategorija N₃*: Vetturi wżati għat-trasport tal-merkanzija u li għandhom piż massimu li jeċċedi t-12-il tunnellata metrika.
3. *Kategorija O*: Karrijiet (inklużi nofs-karrijiet)
- *Kategorija O₁*: Karrijiet li għandhom piż massimu li ma jeċċedix 0 775 tunnellata metrika.
 - *Kategorija O₂*: Karrijiet li għandhom piż massimu li jeċċedi 0 775 tunnellata metrika imma li ma jeċċedix it-3.75 tunnellati metriċi.
 - *Kategorija O₃*: Karrijiet li għandhom piż massimu li jeċċedi it-3 75 tunnellata metrika imma li ma jeċċedix l-10 tunnellati metriċi.
 - *Kategorija O₄*: Karrijiet li għandhom piż massimu li ma jeċċedix l-10 tunnellati metriċi.
- (c) Jekk possibli, l-isem Euronorm, jekk japplika, aghthi:
- deskrizzjoni tal-materjal,
 - il-punt ta' meta jċedi
 - l-istress ta' l-estensjoni fundamentali,
 - titwil (bħala %),
 - l-egħbusija tal- 'Brinell'
- (d) jekk ikun hemm verżjoni waħda b'kabina normali u oħra b'kabina tal-irqad, iż-żewġ settijiet ta' piżijiet u ta' dimensjonijiet iridu jiġu mogħtija.
- (e) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586 ⁽¹⁾, termini Numru 2.
- (f) Abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 33.
- (g) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 35.
- (h) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 1.
- (i) jekk il-vettura ppreżentata għall-approvazzjoni tat-tip ma' jkollix karożzerija, id-dimensjonijiet massimi u minimi mogħtija mill-fabbrikant għandhom jiġu mniżżla fit-tieni kolonna u t-tielet kolonna għandha titħalla vojta.
- (j) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 9.
- (k) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 12.
- (l) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 13.
- (m) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 18.
- (n) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 19.
- (o) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 7.
- (p) Il-piż tas-sewwieq għandu jkun ikkalkolat għal 75kg.
- (q) Jekk il-magna ma jkollhiex pistuni bil-moviment alternat, trid tingħata deskrizzjoni ġenerali.
- (r) Id-dettalji speċifikati għandhom jiġu mogħtija għal kull varjant propost.
- (s) Tolleranza ta' 5 % hija permissibbli.
- (t) Għid biss jekk hux imwaħħal.
- (u) Abbozz ta' Rakomandazzjoni tal-ISO 586, termini Numru 27.

⁽¹⁾ Doc ISO/TC 22 (Segretarjat 133) 328 –Janar 1963.

(v) Id-dettalji li ġejjin iridu jingħataw għal kull sistema ta' brejkijiet:

- it-tip u l-karatteristiċi tal-brejkijiet (disinn bid-daqsijiet) (id-'drums' jew 'discs', roti li fuqhom hemm il-brejkijiet, konnessjoni mar-roti li fuqhom hemm il-brejkijiet, superfiċi ta' frizzjoni, il-kwalitajiet tagħhom u l-postijiet fejn huma effettivi, ir-raġġ tad-'drums', tax-'shoes' jew id-'discs', il-piż tad-'drum', l-apparat ta' l-aġġustament).
- trasmissjoni u kontroll (disinn) (kostruzzjoni, aġġustament, il-proporzjonijiet tal-livell, l-aċċessibilità tal-kontroll u l-pożizzjoni tiegħu, il-kontrolli tar-roti bil-krikk fil-każ ta' trasmissjoni mekkanika, karatteristiċi tal-partijiet prinċipali ta' konnessjoni, iċ-ċilindri u l-pistuni ta' kontroll, iċ-ċilindri tal-brejkijiet).

ANNEX II

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

A. ĠENERALI

Ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip maħruġa skond l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għandhom jimtlew kif ġej:

1. Imla s-sezzjonijiet rilevanti taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, mogħti taħt B ta' dan l-Anness, fuq il-bażi tad-dettalji fid-dokument ta' informazzjoni wara li dawn id-dettalji jiġu vverifikati.
2. Daħħal l-abbrevjazzjoni(jiet) stampati ħdejn kull element tal-mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip wara li jkunu saru l-kontrolli u l-verifiki rilevanti:

- "CONF" ikkontrolla li l-parti rilevanti jew il-karatteristiċi li jkunu konformi mad-dettalji fid-dokument ta' informazzjoni;
- "SD" ikkontrolla li l-parti jew il-karatteristiċi kkonċernati jkunu konformi mal-kondizzjonijiet armonizzati adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva separata rilevanti;
- "R" il-kompilazzjoni tar-rapport tat-test li għandu jiġi mhemuż maċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip;
- "S" ikkontrolla li d-disinn u/jew id-dijagramma ġie mhemuż.

B. MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP GĦAL VETTURA BIL-MUTUR

0. ĠENERALI

- 0.1. Fabbrica (isem ta' l-impriża)
- 0.2. Deskrizzjoni tat-tip kummerċjali (semmi kull varjanti)
- 0.3. Tip
- 0.4. Kategorija ta' vettura
- 0.5. L-isem u l-inidirizz tal-fabbrikant
- 0.6. L-isem u l-inidirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant (jekk ikun hemm)
- 0.7. Il-post tal-pjanċi u l-skrizzjonijiet statutorji u l-mod tat-twaħħil: SD
 - 0.7.1. fuq ix-chassis
 - 0.7.2. fuq il-karozzerija
 - 0.7.3. fuq il-magna
- 0.8. In-numri tas-serje ta' chassis ta' dan it-tip jibdew minn Numru.....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA TA' KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

- 1.1. Chassis (jekk ikun hemm) CONF

2. PIŻIJIET U QISIEN (f'mm u kg)

2.1 Fil-każ ta' unitajiet li jgħorru

2.1.1. Iċ-ċomba tal-ħames (massimu u minimu) CONF

2.2. Il-qisien massimi tal-vettura (b'mod ġenerali) SD

	Chassis mingħajr il-karozzerija	Chassis bil-karozzerija		
		Mingħajr tagħmir	Bit-tagħmir	
2.2.1. Tūl				SD
2.2.2. Wisa'				SD
2.2.3. Għoli (mhux mgħobbi)				SD
2.2.4. Sporġenti ta' quddiem				SD
2.2.5. Sporġenti ta' wara				SD
2.2.6. Distanza ta' bejn il-qiegħ ta' karozza u l-art (mgħobbi bil-piż massimu teknikament permissibli)				SD
2.2.7. Distanza bejn il-fusien				SD

2.3. Il-piż massimu mgħobbi li huwa teknikament permissibli tal-vettura CONF

2.3.1. Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien (id-distribuzzjoni bejn il-fusien u l-piż fuq il-'king pin' tal-ħames rota fil-każ ta' nofs karru) CONF

2.4. Il-piż massimu mgħobbi permissibli: SD

2.4.1. Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien (id-distribuzzjoni bejn il-fusien u t-tagħbija fuq il-'king pin' tal-ħames rota fil-każ ta' nofs karru) SD

2.5. Il-piż massimu teknikament permissibli fuq kull fus (id-distribuzzjoni bejn il-fusien u t-tagħbija fuq il-'king pin' tal-ħames rota fil-każ ta' nofs karru) CONF

2.6. Il-piż massimu permissibli fuq kull fus (u l-piż fuq il-'king pin' tal-ħames rota fil-każ ta' nofs-karru) CONF

2.7. Jekk il-vettura hija wżata bħala vettura li tiġbed, il-piż massimu teknikament permissibli ta' l-għaqda (u, fejn ikun applikabbli, il-piż massimu teknikament permissibli tal-karru) CONF

2.8. Jekk il-vettura hija wżata bħala vettura li tiġbed, il-piż massimu permissibli ta' l-għaqda (u, fejn ikun applikabbli, il-piż massimu tal-karru) SD

2.9. "Swept path" SD

2.10. Il-proporzjon tal-qawwa tal-magna mal-piż massimu (f'hp/kg) u l-abbiltà li tistartja f'għolja SD

3. MAGNA

3.1. Fabbrikant

3.2. Magna ta' kombustjoni:

3.2.1. Qawwa massima f'..... Rpm (speċifika liema standard huwa wżat) CONF

3.2.2. Tankijiet tal-karburanti SD

3.2.3. Tankijiet tar-riserva tal-karburanti SD

3.2.4. Sistema elettrika CONF

3.2.5. 'Suppressor' ta' interferenza SD R

3.2.6. Livell ta' ħsejjes SD R

3.2.7. Silencers SD R D

3.2.8. Tniġġis ta' l-arja:

3.2.8.1. Vetturi mgħammra b'magni tal-petrol SD R

3.2.8.2. Vetturi mgħammra b'magni tad-diesel SD R

4. TRASMISSJONI	
4.1. Veloċità massima tal-vettura fuq l-ogħla gear (f'km/siegħa)	CONF
4.2. 'Speedometer'	SD
4.3. Ir-Rivers	SD
5. FUSIEN	CONF
6. SUSPENSION	
6.1. Tyres imwählha b'mod normali	SD
6.2. Karatteristiċi tal-partijiet li fihom il-molol tas-suspension	SD
7. STERING	
7.1. It-tip ta' mekkaniżmu u l-konnessjoni	SD
7.2. Il-metodu ta' l-assistenza u l-isforz tal-isteering fuq ir-rota tal-isteering	SD
7.3. Id-dijametru taċ-ċirku minimu mdawwar	CONF
7.3.1. lejn il-lemin	
7.3.2. lejn ix-xellug	
8. BREJKIJJET	
8.1. Sistema tas-sistema tat-twaqqif tal-brejkijiet	SD
8.2. Sistema ta' brejkijiet sekondarja	SD
8.3. Sistema ta' brejkijiet għall-ipparkjar	SD
8.4. Sistema addizzjonali ta' brejkijiet, jekk din tkun imwählha (li tinkludi ritardatur)	SD
8.5. Sistema ta' brejkijiet awtomatika li tiffunzjona fil-każ tal-ksur tal-kavilja (fil-każ ta' karru jew nofs-karru)	SD
8.6. Fil-każ vetturi ddisinnjati biex jiġbdu karru:	
8.6.1. Sistema ta' brejkijiet tal-karru	SD
8.7. Kull sorsa esterna ta' enerġija	SD
8.8. Kondizzjonijiet tat-test	R
8.9. Riżultati tal-verifika	R
9. IL-BINI TAL-KAROZZERIJA	
9.1. Bibien (numru, qisien, direzzjoni tal-ftuħ, lukketi u ċappetti)	SD
9.2. Kamp viżiv	SD
9.3. Il-'windscreen' u twieqi oħra	SD
9.3.1. Angolu ta' l-inklinazzjoni tal-'windscreen'	
9.4. 'Wiper' tal-'windscreen'	SD
9.5. Il-ħasil tal-'windscreen'	SD
9.6. L-apparat li jneħħi s-silġ	SD
9.7. Il-mirja ta' viżjoni anterjuri	SD
9.8. Tagħmir intern	SD
9.8.1. Protezzjoni interna ta' l-okkupanti	
9.8.2. L-arranġament u l-identifikazzjoni tal-kontrolli	
9.8.3. Sedili (numru, pożizzjoni, karatteristiċi)	
9.9. Tagħmir estern	SD
9.10. Ċinturini tas-sigurezza u sistemi oħra ta' ritenzjoni	SD

9.11. L-ankoraġġ taċ-ċintorini ta' sigurezza (numru u pożizzjoni)	SD
9.12. L-ispazju fejn jitwaxxlu l-pjanċi tar-reġistrazzjoni	SD
9.13. Sistemi protettivi tan-naħa ta' wara	SD
10. APPARTI LI JIXGĦELU U LI JAGĦMLU SINJALI BID-DAWL	
10.1 Sistemi obbligatorji	
10.1.1. Dwal sekondarju	SD
10.1.2. Dwal tas-sewqan	SD
10.1.3. Dwal ta' quddiem	SD
10.1.4. Indikatur tad-direzzjoni	SD
10.1.5. Dwal ta' wara	SD
10.1.6. Dwal li juru li l-vettura tkun ser tiegħ	SD
10.1.7. Dwal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara	SD
10.1.8. Rifletturi ħomor ta' wara	SD
10.1.9. Rifletturi ta' quddiem tal-karrijiet	SD
10.2. Sistemi mhux obbligatorji	
10.2.1. Dwal taċ-ċpar	SD
10.2.2. Dwal ta' l-ipparkjar	SD
10.2.3. Dwal tar-rivers	SD
10.2.4. Dwal ta' quddiem tal-karrijiet	SD
10.2.5. Rifletturi sofor tal-ġenb	SD
11. KONNESSJONIJET BEJN VETTURI LI JIĠBDU U L-KARRIJET JEW NOFS-KARRIJET	SD
12. DIVERSI	
12.1. Apparat ta' twissija li tinstema'	SD
12.2. Dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi tat-trasport pubbliku	SD
12.3. Dispożizzjonijiet speċjali għat-taxis	SD
12.4. Dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi li jgħorru l-merkanzija	SD
12.5. Apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat ta' vetturi	SD
12.6. Ganċ tal-irmonkjar	SD
12.7. Sieq tal-karru	SD
12.8. Apparat li jwissi kontra xi periklu	SD
12.9. Rikorder tal-veloċità (jekk dan ikun imwaxxlu)	SD

Is-sottoskritt jiċċertifika l-eżattezza tad-deskrizzjoni tal-fabbrikant fid-Dokument ta' Informazzjoni Numru tal-vettura li għandha n-Numru tax-Chassis..... u n-Numru tal-Magna ⁽¹⁾....., din il-vettura ġiet ippreżentata mill-fabbrikant bħala prototip tal-mudell

Il-kontrolli li saru fuq it-talba tal-fabbrikant,....., juru li l-vettura speċifikata hawn fuq, li ġiet ippreżentata bħala prototip tas-serje, tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha fir-rigward ta' kull oġġett f'dan iċ-ċertifikat.

(Post)....., (Data)

.....
Firma

⁽¹⁾ Jekk dan ma jkunx għe mogħti, forma oħra ta' l-identifikazzjoni

ANNEX III

MUDELL

ĊERTIFIKAT TAL-KONFORMITÀ

Is- sottoskritt
(isem u kunjom)

hawnhekk jiċċertifika li l-vettura:

1. Xorta

2. Fabbrica

3. Tip

4. Numru tas-serje tat-tip

tikkonforma fl-aspetti kollha mat-tip approvat

fi, fil-

minn

u deskritta fiċ-Ċertifikat ta' l-Approvazzjoni tat-Tip Nru u fid -Dokument ta' Informazzjoni Nru,

(Post) (Data)

(Firma)

(Grad)